# FRATELLANZI
## U L-ALTARI TAGĦHOM

## IS-SEBA' PARTI

### IL-FRATELLANZA TA' SAN ĠUŻEPP.

Mill-istorja nafu illi l-Isla saret Parroċċa fil-bidu tas-sena 1581, sewwa sew malli ntemm il-bini tal-knisja ta' Santa Marija tal-Vitorja. Nafu li kienet knisja ħafna iżgħar minn kif hi llum, u li minbarra l-altar maġġur, kellha biss tliet altari fuq kull naħa. Mir-relazzjoni tal-Viżta li kien għamel Mons. Ascanio Libertano, Vigarju Ġenerali, f'isem l-Isqof Tumas Gargallo fl-1585, jiġifieri erba' snin biss wara l-erezzjoni tal-Parroċċa, nafu li l-ewwel altar fuq in-naħa tal-lemin tal-maġġur kien iddedikat lil San Ġużepp. Waqt Viżta Pastorali oħra ta' l-istess Isqof Gargallo fl-1602, ġie iċċarat illi dan l-altar ta' San Ġużepp, l-istess kif kienu l-oħrajn ukoll, kien imdaħħal fil-ħajt tal-knisja. Mir-relazzjoni ta' l-istess Viżta nafu wkoll, li dan l-altar kien twaqqaf minn ċertu Indri Cassar u li dan kien ukoll benefattur tiegħu. Bħala titular, l-altar kellu pittura ta' San Ġużepp bil-Bambin, impinġija fuq l-injam.

Tajjeb li ngħidu, li matul iż-żmien, minkejja li sar xi tibdil fl-istruttura tal-knisja, bħal meta inbnew in-navi u l-kappelluni, l-altar ta' San Ġużepp dejjem żamm l-istess post fil-knisja, għad illi ġieli kien hemm spustamenti ta' altari jew bdil ta' titulari oħra.

### It-Twaqqif tal-Fratellanza.

Fis-sena 1666, fi żmien is-sitt Kappillan, Dun Franġisk Azzopardi, fuq dan l-altar twaqqfet fratellanza ġdida taħt il-ħarsien ta' San Ġużepp. Il-fundatur tagħha kien Ġużeppi Gandolfo, u dan it-twaqqif sar fl-atti tan-nutar Mikiel Attard ta' l-10 ta' Jannar 1666. Sa minn żminijiet qodma ħafna l-Knisja qieset lil San Ġużepp bħala Qaddis mudell u protettur tal-ħaddiema, u aktar u aktar dawk li kellhom is-sengħa tax-xogħol ta' l-injam. Dawn kienu jqisu lil San Ġużepp bħala l-patrun partikulari tagħhom, u kif kien mistenni, ħafna minn dawk li nkitbu fil-fratellanza kienu mastrudaxxi. L-iskop tal-fratellanza kien illi tkabbar id-devozzjoni lejn dan il-Qaddis kbir, tkun ta' għajnuna għall-imseħbin, tieħu ħsieb id-dfin tagħhom u tagħmel suffraġji għall-ruħhom. L-għadd ta' dawk li nkitbu matul l-ewwel sena, kien tassew kbir. Fil-fatt, mir-relazzjoni tal-Viżta ta' l-Isqof Luca Bueno, naraw li fl-1667 ġa kienu nkitbu f'din il-fratellanza ġdida 'l fuq minn sittin persuna. Huma mill-ewwel bdew jagħmlu festa solenni f'ġieħ il-Qaddis nhar id-19 ta' Marzu ta' kull sena, u sa żmien l-Isqof Giacomo Canaves, li għamel Viżta fl-Isla fl-1715, kienet ukoll issir Settena, sebat ijiem ta' tħejjija qabel il-festa. Kienu ukoll għamlu statwa ta' San

Ġużepp biex tinġarr fil-purċissjoni. Sas-sena 1739 bdiet ukoll issir il-festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp nhar it-tielet Ħadd wara l-Għid il-Kbir, u l-festa ewlenija bdiet tiġi ċċelebrata f'dak il-jum, anke peres illi d-19 ta' Marzu ħafna drabi jaħbat fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Għall-ħabta ta' dan iż-żmien ukoll, fuq l-altar ta' San Ġużepp, tqiegħdet niċċa ta' l-injam indurata, u fiha tpoġġiet xbiha tax-xama', ta' Ġesù Bambin. Kien żmien illi l-fratellanza kienet ħajja u ħabrieka, u b'xhieda ta' dan hemm il-fatt li anke kien inbidel l-inkwadru impitter fuq l-injam u floku tqiegħed wieħed fuq it-tila, li kien jirraffigura l-Familja Mqaddsa.

Iżda maż-żmien, il-ħidma ta' din il-fratellanza bdiet tonqos, u sas-snin tan-nofs tas-seklu 18, kienet waqqfet il-ħidma għal kollox. Madanakollu, ma għaddewx ħafna għexieren ta' snin li ma reġgħetx bdiet tiffunzjona regolarment. Dan kien fis-sena 1806, fi żmien l-Arċipriet Dun Vinċenz Cachia. Tant ħadet ir-ruħ u marret 'l quddiem li fi żmien l-Arċipriet Dun Leopoldu Fiteni, fil-purċissjoni kienet tieħu sehem banda żgħira ta' madwar għoxrin bandist, u kienu wkoll jixegħlu parti mit-triq tal-purċissjoni bil-lumini taż-żejt. Kienu bdew saħansitra jaħsbu biex jagħmlu vara ta' San Ġużepp ġdida, ħsieb li iżda attwa ruħhu ħafna snin aktar tard.



*L-altar ta' San Ġużepp armat għall-festa fis-snin ta' qabel il-gwerra. Il-kwadru li l-pittur Senglean Ġużeppi Bonniċi pitter fl-1860 jidher iżejjen dan l-altar.*

Fis-sena 1860, il-pittur Senglean Ġużeppi Bonniċi, pitter inkwadru ġdid fuq it-tila, dak l-istess wieħed li għadna naraw fuq l-altar sal-lum. Dan il-kwadru juri fih lill-Madonna u l-Bambin, u figura allegorika tal-Fidi, qed jippreżentaw il-Knisja lil San Ġużepp. Dan l-inkwadru ħallas għalih missier il-pittur stess. Fl-1864, inbidlet il-prospettiva u sar altar ġdid, li ġie ikkonsagrat fit-28 ta' Awissu ta' dik is-sena. Fl-iskannell tal-prima ta' dan l-altar saret niċċa, magħluqa bi gwarniċ tal-fidda li tħallset mill-benefattur Ġużeppi Aquilina, u ġo fiha tpoġġiet statwetta tal-Bambin, xogħol fil-kartapesta ta' l-istatwarju Senglean Karlu Darmanin.

Fis-sena 1870 saru festi kbar u speċjali għad unur San Ġużepp, meta il-Qdusija Tiegħu Papa Piju IX iddikjara b'mod solenni lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali. B'hekk, dak li kien ilu żmien twil aċċettat u ċċelebrat f'ħafna pajjiżi, inkluża Malta, issa sar mifrux għad-dinja Kattolika kollha.

Ftit żmien qabel ma miet, għall-bidu tas-sena 1879, jiġifieri 125 sena ilu, l-istatwarju Senglean Ġlormu Darmanin, lesta statwa ġdida ta' San Ġużepp, li bdiet tinġarr fil-purċissjonijiet. Din l-istatwa tpoġġiet fuq mensola tiddomina s-sagrestija tal-Kolleġġjata. Dan sar peress illi din is-sagrestija, f'dak iż-żmien, kienet taħt il-kura tas-Sodalità tal-Qassisin, li kellhom bħala

Qaddis protettur lil San Ġużepp. Xi zmien wara, din l-istatwa żdidulha żewġ anġli żgħar iżommu f'idejhom wieħed ġilju u l-ieħor salib zgħir.

Fi żmien l-Arċipriet Dun Ġużepp Bonanno, il-kwadru ta' Bonniċi twarrab, u minfloku sar wieħed impitter barra minn Malta. Iżda dan l-inkwadru ma kellux ħajja twila għaliex fl-ewwel attakki tal-gwerra, f'Jannar 1941, il-kappella ta' San Ġużepp u xi partijiet oħra tal-Knisja intlaqtu mill-bombi u dan l-inkwadru inqered għal kollox. Meta reġgħet infetħet il-Bażilka fl-1957, tpoġġa mill-gdid l-inkwadru ta' Bonniċi, wara li sarulu xi modifikazzjonijiet u restawr mis-Senglean Carmelo Spiteri.

B'xi mod il-fratellanza baqgħet tiffunzjona sa nofs is-snin sittin, però imbagħad, l-istess bħalma ġralhom ħafna fratellanzi oħrajn, waqfet kompletament mill-ħidma tagħha. Il-purċissjoni baqgħet issir sal-bidu tas-snin sebgħin.

Fl-arkivju tal-Parroċċa, hemm miġbura r-reġistri u d-dokumenti ta' din il-fratellanza, għad illi ħafna oħrajn intilfu fil-ħerba tal-gwerra.

**Tiżjin u armar.**

Bħal kull fratellanza oħra, anke il-fratellanza ta' San Ġużepp kienet tħabrek biex minbarra li tkabbar id-devozzjoni lejn il-Qaddis, iżżejjen ukoll mill-aħjar li tista' l-kappella u l-altar fdati fil-kura tagħha.

Għall-festa titulari, l-altar għandu sett kandlieri tal-metall arġentat, li f'dawn iż-żminijiet jitpoġġew fuq l-altar tal-Madonna tar-Rużarju, peress illi fuq l-altar ta' San Ġużepp, jitpoġġew sett kandlieri tal-fidda ta' l-altar tat-Tribuna. Dawn twarrbu minn fuq l-altar tat-Tribuna minħabba esiġenzi liturġiċi. Dawn il-kandlieri tal-fidda, inħadmu fis-sena 1960 minn Francesco Cassar. Għal bejn dawn il-kandlieri, hemm sett statwetti, xogħol ta' Wistin Camilleri, u indurati ftit tas-snin ilu. Dawn l-istatwetti jirraffiguraw sitt persunaġġi prominenti mit-Testment il-Qadim, li huma Mosè, Abram, David, Iżakk, Ġakobb u Ġużeppi. Il-ventaltar tal-fidda huwa xogħol ta' barra, tal-bidu tas-seklu l-ieħor, u sar fuq disinn ta' Gioacchino Galea. Il-missal tal-fidda, xogħol ta' ftit snin qabel il-gwerra, sar fuq disinn tas-Senglean Ġużeppi Caruana, li kien għamel bosta disinji għal xogħol kemm għall-knisja, kif ukoll għall-armar ta' barra. Il-lampier, xogħol ta' Saverio Cannataci, sar fl-1831, u fl-istess epoka saru l-karti tal-glorja, xogħol ta' Sqallija. Is-sopratvalja tal-bellus irrakkmat bid-deheb, saret fl-1984 mid-Ditta Grixti Embroyderies fuq disinn ta' Salvu Bugeja.

Għall-purċissjoni, hemm ukoll ħafna armar tal-fidda. L-istandard abjad, għad illi sempliċi, għandu stemma irrakkmata bil-ħarir, b'disinn ta' żewġ ġilji imxebilkin ġo xulxin, lasta tal-fidda xogħol ta' Paolo



*L-istatwa ta' San Ġużepp, xogħol ta' l-1879 ta' l-istatwarju Senglean Ġlormu Darmanin, armata fil-Knisja l-antika, fis-7 ta' Mejju 1933, għall-Festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp.*

Busuttil, u kruċċetta tal-fidda wkoll xogħol ta' l-arġentier Aloisio Dalmas. Is-surġentina, bi statwetta żgħira tal-Qaddis, hija ukoll xogħol ta' Saverio Cannataci, u l-medaljun tal-prefett, xogħol ta' stil Rococo, huwa tal-bidu tas-seklu dsatax.

Il-vara ta' San Ġużepp, għandha żewġ diademi tal-fidda, waħda għall-Qaddis u oħra għall-Bambin. Dawn huma xogħol ta' Paolo Schembri, u li probabbilment kienu ġa jintużaw biex iżejnu l-vara l-qadima.

Din il-fidda għall-użu waqt il-purċissjoni saret kollha fl-ewwel ħamsa u għoxrin sena tas-seklu dsatax, malli l-fratellanza, kif diġa' rajna, reġgħet qamet fuq riġlejha, u kienet riformata. Ngħidu ukoll li, bħal kull altar ieħor tal-Bażilka, l-altar ta' San Ġużepp, għandu wkoll armar rikk għall-festi prinċipali ta' matul is-sena.

*Mario Caruana*

Nawguraw

lill-Fr. Herbert Friggieri S.J.

fil-25 Anniversarju

mill-Ordinazzjoni Sacerdotali

u nixtiqulu

**Ad Multos Annos**




COMTEC

**COMTEC SERVICE LTD**

KW 30 Corradino Industrial Estate
Paola - PLA08
tel: 21800 666 fax: 806786
email: info@comtecpestcontrol.com

➢PEST CONTROL ➢WOODWORM CONTROL
➢FUMIGATION ➢FLYING INSECT EXTERMINATORS
➢ALLERGEN CONTROL

21800666

MEMBERS OF THE BRITISH PEST CONTROL ASSOCIATION

COMPUTER STUDIES

'O' level Matsec 2004

COURSES STARTING IN SEPTEMBER 2003



Tel: 21897028 Mob: 79092685